MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 1/2013/1

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell numru: 01/2013**

**STEPHANIE MICALLEF**

**Vs**

**RITA BORG ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunzjata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fil-11 ta' April 2013 fejn gie deciz:-

*"It-Tribunal,*

*Ra t-talba ta' Stephanie Micallef opprezentata fis-26 ta' Novembru, 2012 u r-risposta ta' Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct opprezentata fis-6 ta' Frar, 2013.*

*Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rappreżentanti taghhom u t-trattazzjoni fit-22 ta' Frar, 2013;*

*Ikkunsidra*

*Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'airconditioner' tal-marka Hitachi li skont ir-rikorrenti, ma kienx qed ikessah;*

*Illi din il-problema baqghet tezisti kemm meta intbaghat persuna biex tirrangah kif ukoll meta l-'airconditioner' tbiddel;*

*Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet <u>"Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited" moghtija fit-13 ta' Jannar, 1999;</u>*

*Illi skont ir-rikorrenti, dan l-'airconditioner' mill-bidu nett ma kienx jahdem kif suppost u dan hu konfermat mill-istess intimata fir-risposta taghha;*

*Illi l-unika raguni moghtija mill-intimata dwar dan kienet minhabba maltempata li skont hi, ghamlet hsara fil-'pipe' tal-gass tal-'airconditioner';*

*Illi mill-provi mismugha il-problema jidher li hi iktar gravi minn semplici 'leakage' ta' gass b'konsegwenza ta' maltempata.*

*Illi t-Tribunal jirrileva li r-rikorrenti setghet giet trattata b'iktar heffa meta hi ma kellha ebda tort;*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li la jkun hemm iktar minn possibilita wahda, il-konsumatur ghandu jigi mistoqsi liema opzjoni jippreferi u jinghata c-cans tal-ghazla.*

*Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi wahda gusta u ppruvata u konsegwentement ghandha tintlaqa' fl-intier taghha;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Stephanie Micallef u filwaqt li Jichad*

*l-eccezzjonijiet ta' Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct, Jordna lil Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala International Sales Direct, thallas lil Stephanie Micallef is-somma ta' €1045 prezz tal-imsemmi 'airconditioner' li ghandu jigi ritornati mir-rikorrent lill-intimata, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri."*

Illi minn din is-sentenza appellat il-konvenuta Rita Borg eżerċenti l-kummerċ bħala International Sales Direct bl-ewwel aggravju illi t-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi mar kontra d-dettami tal-ġustizzja naturali, u cioe' il-principju maghruf bhala *audi alteram partem* u ukoll l-prinċipju ta' *efficiency u fairness* meta it-Tribunal naqas milli jagħmel stħarriġ probatorju loġiku meta naqas milli jistħarreġ jekk ir-rekwiżiti imposti mill-artikolu 79 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378) ġewx sodisfatti mill-appellata. Tilmenta ukoll fit-tieni aggravju illi t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-eċċezzjoni tal-appellanti fejn din eċċepiet illi l-ħsarat fl-*airconditioner* ġraw minħabba maltempata qalila. Finalment issostni illi t-Tribunal adotta l-aktar rimedju drastiku tar-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ u safejn seta jissewwa l-oġġett, dan kellu jissewwa.

Illi l-fatti kif jirriżultaw huma s-segwenti

Illi l-attriċi appellata tallbet lit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi illi l-konvenuta appellanti tigi ikkundannata tħallasha lura l-prezz ta' *air conditioner* li akkwistat mingħandha għaliex allegatament ma bediex jaħdem sew.

Illi l-konvenuta appellanti sostniet illi l-ħsara fl-*airconditioner* ġrat minħabba maltempata qalila li minħabba fiha inqala l-pipe tal-gass.

Jirriżulta mill-provi illi oriġinarjament kien inbiegħ *airconditioner* lill-appellata, illi kien inbidel. Imbagħad l-appellata ingħatat it-tieni *airconditioner* li ukoll kellu xi nuqqasijiet skont l-istess appellate.

**L-Ewwel Aggravju**

L-appellanti tgħid illi skond l-artikolu 79 tal-Kap 378 sabiex hija tista' titlob u tikseb il-benefiċċji tar-rimedju mitlub minnha, hija kellha tavża lill-appellanti bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformita fi żmien xahrejn minn meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dik in-nuqqas ta' konformita. L-appellanti tgħid illi l-appellata naqset milli tipprova li innotifikat lill-appellanti dwar dan. Issostni ukoll illi t-Tribunal naqas milli jagħti l-attenzjoni adegwata lill-provi u lill-mertu tal-każ quddiemu u b'hekk kiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem, fairness u efficiency* bi preġudizzju għalih.

Jibda sabiex jingħad illi kif tajjeb tosservat l-appellata, l-appellanti tipprova issejjes dan l-appell fuq is-subartikolu ċ tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta Malta illi jistipula illi appell minn sentenzi tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar jista jsir meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Koncettwalment, gustizzja naturali tfisser l-applikazzjoni u l-harsien tal-principju baziku essenzjali tas-smiegh xieraq. L-appellanti tagħmel riferenza għall-artikolu 79 tal-Kapitolu 378 li jitkellem dwar l-avviż li l-appellata qua kummerċjanti kellha tagħti lill-appellanti

> *79. (1) Sabiex ikun jista' jikseb benefiċċju mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, konsumatur għandu javża lill-kummerċjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformità fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak n-nuqqas ta' konformità.*

> *(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, għandu jitqies bħala prova suffiċjenti li jkun ingħata avviż jekk in-notifika ssir b'att ġudizzjarju fiż-żmien preskritt, jew jekk il-konsumatur juri li l-ittra tkun intbagħtet bil-posta reġistrata fiż-żmien preskritt.*

Illi il-Qorti tibda sabiex tosserva illi l-appellanti qatt ma ressqet dina l-eccezzjoni in prim'istanza u qed tqajjem dan in-nuqqas procedurali issa fi stadju ta' appell u tipprova tinfilzah fi vjolazzjoni ta'l-artikolu 22(c) sabiex tiggustifika l-appell taghha minn sentenza li altrimenti hija inappellabbli. Il-Qorti qatt ma tista taccetta dan l-agir sabiex taghti ir-rimedju ta' revizjoni meta dan ma huwiex disponibbli. Dan l-ilment ma kellhux jitressaq issa, f'dan l-istadju ta' Appell u dan meta l-appellanti ħalliet il-proċeduri għaddejja quddiem it-Tribunal u baqghet inattiva f'dan ir-rigward. Lqnqas ma jista' jinghad illi t-Tribunal ivvjola l-principju tal-audi alteram partem jew mexa bmod imparzjali fil-konfront ta'l-appellanti. Dawn l-allegazzjonijiet huma ukoll ghal kollox fiergha meta mill-atti jirrizulta illi t-Tribunal sema ix-xheida taz-zewg partijiet li ukoll gew kontor-ezaminati. Ghaldaqstant l-ewwel aggravvju qed jigi michud billi huwa legalment insostenibbli.

L-appellanti imbaghad tilmenta illi t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-eċċezzjoni taghha illi l-ħsarat fl-*airconditioner* ġraw minħabba maltempata qalila. Ġie ritenut illi: "*It-Tribunal ghamel l-apprezzament tieghu, u tajjeb jew hazin, din il-Qorti ma tistax tissindakah hlief jekk jirrizultalha li, effettivament, kienet saret it-tip ta' vjolazzjoni ta' principji ta' gustizzja naturali li ghalihom tirreferi l-ligi*"

Illi l-artikolu 23(2) paragrafu (b) tal-Kapitolu 378 jistipula illi t-Tribunal: "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-*

*prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta l-każ li jkun qed jittratta*;"

Din il-Qorti tikkondividi l-konklużjoni tat-Tribunal u għaliha ma jirriżultax ipprovat illi kienet il-maltempata illi ikkawżat il-ħsara fl-*airconditioner*. Fir-rigward tal-ilment tal-appellanti illi t-Tribunal seta ħatar persuna teknika sabiex tiddetermina x'ikkawża l-ħsarat, jekk kenitx il-maltempata jew jekk kenitx xi difett fl-*airconditioner*, jiġi osservat illi l-appellanti qatt ma għamlet talba quddiem it-Tribunal għall-ħatra ta' espert tekniku.

In oltre , l-artikolu 23(2) paragrafu (ċ) tal-Kapitolu 378 jistipula illi *t-Tribunal għandu jiddeżisti kemm jista' jkun milli jqabbad periti tekniċi sabiex jagħtu l-parir espert tagħhom, u jekk jinħatru tali periti huwa għandu jifformula elenku ta' dettalji li l-perit ikollu jirrelata dwarhom;*

*It-Tribunal ma kien bl-ebda mod marbut li jinnomina espert tekniku. Dan anke ghaliex tali nomina tibqa' dejjem wahda fakoltativa u mhux obbligatorja.*

...

*Mill-qari ta' dan id-dispost ukoll hu bil-wisq car illi t-Tribunal seta` jezercita l-fakolta` tal-hatra fid-diskrezzjoni illimitata tieghu u biss jekk ihoss li jezistu ragunijiet qawwija li jissugerixxu l-adozzjoni ta' dan ir-rimedju probatorju.*

*Jekk it-Tribunal hass li ma kienx hemm raguni gustifikatorja biex jappunta espert biex jassistih, b'daqshekk ma jistax jigi ritenut illi gie lez xi principju talgustizzja naturali jew li ghal daqshekk gie arrekat pregudizzju talment gravi lid-ditta appellanti.* [1]

[1] Appell Civili Numru. 2/2002 Jean Schembri u Mary Borg vs Queen's Dry Cleaners

Tilmenta ukoll illi t-Tribunal ma tax raġuni għalfejn ma laqax l-eċċezzjoni taghha illi l-ħsarat graw minħabba maltempata.

Skond is-subinciz 2(d) ta' l-Artikolu 23, *"l-Arbitru ma ghandux joqghod jaghti motivi imtawlin dwar kif ikun wasal ghad-decizjonijiet tieghu, izda jkun bizzejjed li jelenka d-dettalji ewlenin li jkun sejjes id-decizjoni tieghu fuqhom"*.

*Huwa desumibbli minn dan id-dispost illi t-Tribunal kien skansat, bl-operat tal-istess ligi, milli jaghti motivazzjoni elaborata. Dan naturalment ma jfisserx illi l-motivazzjoni ma kellhiex tinkorpora fiha "r-ratio decidendi" fuq l-elenku tad-dettalji ewlenin. Il-motivazzjoni tibqa' dejjem ta' essenza tal-gudizzju u ma jistghax allura jinghad li jkun jidher li ssir gustizzja jekk il-partijiet in kawza ma jinghatawx almenu s-sodisfazzjoni minima tar-raguni li tkun induciet lill-Arbitru jasal ghad-decizjoni tieghu. Anke fi process kwazi gudizzjarju l-partijiet kellhom ikunu pjenament sodisfatti illi r-regoli bazilari tal-gustizzja naturali kienu qed jigi osservati. Dan ghaliex il-principju tal-gustizzja naturali ma kellux rabta biss mal-kuncett tas-smiegh xieraq izda wkoll mar-raguni il-ghala talba, jew difiza ghaliha, tkun qed tigi milqugha jew michuda. Jokkorri ghalhekk li d-decizjoni tat-Tribunal tigi analizzata biex jigi verifikat jekk din kienetx tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bazika li d-ditta appellanti kellha dritt ghaliha fid-decizjoni.* [2]

Mid-decizjoni jirrizulta illi l-Arbitru kkonsidra bhala osservazzjonijiet bazici biex wasal ghal gudizzju tieghu illi l-problema li kellu l-airconditioning unit kienet iktar gravi minn semplici *leakage* ta' gass. Dan fid-dawl tax-xheida tal-attrici appellata illi l-*airconditioning unit* beda jaghtiha problemi mill-bidunett li inxtara. Minn dan premess din il-Qorti tara li kien hemm motivazzjoni u

[2] Appell Civili Numru. 2/2004 Redeemer Diacono vs Medialink Computer Centre 19 ta' Mejju, 2004.

ragonament bizzejjed fl-ezercizzju tal-funzjoni kwazi gudizzjarju tat-Tribunal biex is-sentenza tissodisfa r-rekwizit essenzjali li twassal ghal-parti decizorja tas-sentenza

Għalhekk ma jistax jingħad illi t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta'l-ekwita` li jista' jigi radikat dritt ta' appell fuq din il-bazi tan-nuqqas ta' motivazzjoni.

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

Fit-tielet aggravju l-appellanti tilmenta illi t-Tribunal adotta l-aktar rimedju drastiku tar-rexxissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ. L-appellanti tagħmel riferenza għall-artikolu 76 (2) tal-Kap 378.

*(1) Il-konsumatur jista' jeħtieġ riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt -*

*(a) meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb la r-rimedju ta' tiswija lanqas dak ta' rimpjazzar, jew*

*(b) jekk il-kummerċjant ma jkunx spiċċa r-rimedju ta' tiswija jew ta' rimpjazzar fi żmien raġnevoli, jew*

*(ċ) jekk il-kummerċjant jkun jista' biss jipprovdi jew jispiċċa r-rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar b'inkonvenjenza sinjifikanti għall-konsumatur.*

*(2) Il-konsumatur ma jkollux jedd għar-rexxissjoni tal-kuntratt jekk in-nuqqas ta' konformità miegħu jkun wieħd minuri u insinjifikanti.*

Jingħad illi t-Tribunal seta jiddeċiedi **<u>jew</u>** dwar riduzzjoni fil-prezz **<u>jew</u>** dwar rexissjoni tal-bejgħ u dan wara kostatazzjonijiet minnu maghmula dwar l-gravita tad-difett riskontrat fl-oggett mibjugh. Illi kif diga gie deciz tali diskrezzjoni imhollija f'idejn il-gudikant ma tistax twassal ghal xi elzjoni tal-

proncipji tal-gustizzja naturali kif qed tallega l-appellanti. It-Tribunal wasal għal konklużjoni tar-rexissjoni tenut kont tal-fatt illi t-technician mibghut mill-appellanti kien spezzjona l-airconditioner in kwistjoni u wasal ghal konkluzjoni li dan ma setax jissewwa minhabba li kellu *leakage* tal-gas fl-outdoor unit. Illi fuq kollox il-Qorti tosserva illi kien jinkombi fuq l-appellanti li tipprova illi r-rimedji alternattivi ikkontemplati fl-artikolu 76 setghu jigi ezercitati minnha u cioe' illi l-oggett mibjugh u ikkonsenjat kellu difett li seta' jitranga u dan sabiex tirribatti ghat-talba maghmula mill-appellata ghar-rexissjoni tal-bejgh, haga li baqghet ma ghamiltx meta setghet facilment tressaq lit-*technician* taghha li kien acceda fuq il-post u spezzjona l-*airconditioner*.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------